28 ta' Ġunju, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*

Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

*Gaetano Spiteri versus Carmelo Spiteri et.**

**Azjenda — Ċessjoni — Rexissjoni — Nullità — Preskrizzjoni — Appell — "Jus Superveniens" — Aċċettazzjoni ta' Eredità — Art. 1552 (1), 1266, 1268, u 1270 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk wieħed mill-konvenuti jmut fil-mori tal-kawża u wieħed mill-konvenuti l-oħra jiġi nominat kuratur biex jirrappreżenta l-eredità ta' dak il-konvenut li miet fil-kontinwazzjoni tal-kawża, u mbagħad dak il-*

*konvenut li ġie nominat kuratur jappella mis-sentenza u fil-mori tal-l-appell jaċċetta l-eredità ta' dak il-konvenut li kien miet, b'din l-aċċettazzjoni, billi d-decujus u l-eredi tiegħu għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda, ma jistax jingħad li l-interess ta' l-eredità ta' dak il-konvenut li miet mhuwiex rappreżentat fl-appell; u l-pożizzjoni tal-konvenut li għamel l-appell, relattivament għal dak l-interess, li jinsab preżenti fil-persuna tiegħu, ġiet konvalidata bis-saħħa tal-"Jus Superveniens". Konsegwentement, ma tidherx aċċettabbli l-eċċezzjoni li n-nota ta' l-appell u l-petizzjoni huma nulli għax ma ġewx diretti kontra rappreżentant leġittimu ta' dak il-konvenut li miet.*

*Il-liġi tirrikjedi li ċessjoni ta' azjenda ssir bil-miktub; inkella dik iċ-ċessjoni ma tiswiex. Imma jekk iċ-ċessjoni, għalkemm vizzjata b'dak id-difett ta' forma, tkun ħadet u żammet l-effikaċja tagħha għal żmien ta' ħames snin, allura ma tistax aktar tiġi mpunjata. Għax għalkemm kuntratt li jonqsu wieħed mir-rekwiżiti essenzjali għall-validità tiegħu huwa radikalment null, il-liġi tippreskrivi l-azzjoni ta' rexissjoni f'każ ta' nuqqas ta' dawk ir-rekwiżiti; u fil-każ ta' ċessjoni ta' azjenda mingħajr kitba, billi ma hux wieħed mill-każi li għalihom il-liġi ssemmi l-preskrizzjoni ta' sentejn, hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' ħames snin. U min irid jimpunja dik iċ-ċessjoni wara dan iż-żmien, ma jistax jirribatti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi jinvoka l-massima "quae temporalia ad agendum perpetua sunt ad excipiendum".*

*Għaldaqstant, jekk iċ-ċessjoni ta' azjenda saret mingħajr kitba, u min għandu nteress li jimpunjaha ma jkunx eżerċita kontra tagħha l-azzjoni ta' rexissjoni fi żmien ħames snin, ma jistax aktar jinvoka n-nullità ta' dik iċ-ċessjoni.*

---

• **B'digriet** tal-4 ta' Diċembru, 1957, **ġie** miċħud lill-attur il-permess li jagħmel appell minn din is-sentenza quddiem il-Kumitat Ġudizzjarju **tal-Maestà Tagħha r-Reġina**.

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-atturi, wara li jippremettu illi fil-25 ta' Novembru 1939 mietet bla testment Rosaria mart il-konvenut Giuseppe Spiteri (dok. A), u ħalliet superstiti, barra minn żewġha, lill-uliedha, il-kontendenti l-oħra, ji-

tolbu illi, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti li saru mill-imsemmija ġenituri tagħhom, konsistenti fis-sustanzi li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) dawn l-akkwisti jiġu diviżi f'żewġ porzjonijiet ugwali, li għandhom ikunu assenjati waħda lill-konvenut Giuseppe Spiteri u l-oħra lill-assi partikulari ta' martu Rosaria Spiteri; (3) ikun likwidat dan l-assi partikulari u dikjarat illi jikkonsisti fil-kwota li ġiet lilu assenjata fid-diviżjoni tal-imsemmijin akkwisti u fis-sustanzi l-oħra li jkunu pruvati l-quddiem; (4) dan l-assi jkun diviż f'għaxar porzjonijiet indaqs, li għandhom ikunu assenjati waħda lil kull wieħed mill-kontendenti, barra mill-konvenut Giuseppe Spiteri; (5) ikunu nominati periti biex jagħmlu l-likwidazzjonijiet u l-assenjazzjonijiet fuq mitluba, nutar biex jippublika l-kuntratt relattiv, u kuraturi biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-att. Bl-ispejjeż. Salva kwalunkwe azzjoni oħra lilhom kompetenti. Il-konvenuti ġew imħarrkin għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-8 ta' Frar 1956, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-atturi, billi ġie dikjarat li l-azjenda tal-forn, ċeduta nullament mill-konjuġi lill-binhom il-konvenut Carmelo Spiteri, baqgħet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tagħhom, li ġiet xjolta bil-mewt tal-omm Rosaria Spiteri, u għandha konsegwentement tiġi diviża flimkien mas-sustanzi l-oħra li jirriżultaw eżistenti fl-assi tagħha, ġie ordnat li l-ispejjeż relattivi għal inċident, minħabba n-natura tal-kwistjonijiet involuti, jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru għall-konvenut Carmelo Spiteri; u l-kawża ġiet differita "sine die", riappuntabbli b'rikors ta' kull wieħed mill-interessati wara li s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat. Wara li kkunsidrat;

Illi b'rikors tal-14 ta' Mejju 1947 il-perit legali rriferixxa lill-Qorti li fis-seduta li huwa żamm mal-partijiet u

d-difensuri tagħhom fit-12 ta' dak ix-xahar, il-konvenuti Carmelo Spiteri u Giuseppe Spiteri allegaw illi l-forn, bl-avvjament, l-inkwilinat, l-eżerċizzju u l-profitti, li qiegħed il-Ħamrun, 18 St John's Street, hu ta' pertinenza esklużiva tal-konvenut Carmelo Spiteri, billi kien ġie ċedut lilu minn missieru, l-imsemmi konvenut Giuseppe Spiteri, u ommu Rosaria Spiteri, u għalhekk talbu illi l-provi jiġu limitati għall-konsistenza tas-sustanzi l-oħra talvolta rientranti fl-assijiet in likwidazzjoni, bl-esklużjoni tal-istess forn; imma, billi l-atturi opponew ruħhom għal dik it-talba, u sottomettew illi din hi kawża ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Spiteri u ta' dak partikulari ta' Rosaria Spiteri, fejn qegħdin jiġu diskussi l-kwistjonijiet kollha rigwardanti ċ-ċirkustanzi partikulari li jistgħu jiġu kompriżi fl-assijiet in likwidazzjoni, u anzi sostnew illi ċ-ċessjoni tal-azjenda tal-forn hi nulla, u hekk insistew għall-awdizzjoni tal-provi kollha, anki għal dawk rigwardanti l-akkwist u l-eżerċizzju ta' dak il-forn, jew l-azjenda tiegħu, hu talab lill-Qorti provvediment fuq l-inċident, biex ikun jaf x'għandu jagħmel. B'digriet tas-17 ta' Mejju 1947, il-Qorti ordnat lill-perit legali biex jiddepożita l-proċess tal-kawża sabiex l-istess inċident jiġi definit wara d-debita trattazzjoni tal-kwistjonijiet kollha li l-partijiet jidħrilhom li għandhom jissottomettu;

Illi għad-definizzjoni tal-imsemmi inċident irid jiġi stabbilit x'kienet l-operazzjoni li saret bejn il-konvenut Giuseppe Spiteri u ibnu, il-konvenut Carmelo Spiteri, rigwardanti l-azjenda tal-forn fuq imsemmi. Fix-xhieda mogħtija minnu fil-21 ta' April 1947 quddiem il-perit legali, il-konvenut Giuseppe Spiteri qal li huwa kellu s-sengħa ta' furnar, u l-ewwel kellu forn f'Ħal Qormi, u mbagħad fetaħ wieħed il-Ħamrun, anness mad-dar fejn kien joqgħod. Il-forn ma kienx krieħ huwa, imma ġie mikri minn ħaddieħor fl-interess tiegħu. Fix-xogħol tal-forn kienu jassistuh martu u uliedu. Billi huwa ma kienx jaf skola, reħa l-forn f'idejn ibnu, il-konvenut Carmelo Spiteri, biex ikun jista' jaħdmu huwa. Meta taħ il-forn, dan ibnu ma taħ xejn. L-imsemmi Carmelo Spiteri kien mar l-Amerika, u ħa l-

forn f'idejh meta rritorna Malta, xi sena wara. Qabel mar l-Amerika, ibnu Carmelo kien ħallielu £100, li huwa kien nefaq, u magħhom kien għamel xi dejn fis-somma ta' £300. Malli ibnu rritorna Malta, huwa ċedielu l-forn, li kien ilu għandu għal xi 28 sena, għaliex kien sejjer lura u ma setgħax ikompli. Mal-forn huwa ta lill-istess ibnu il-makna tal-għaġin. Ibnu assuma l-imsemmijin djun li huwa kellu dak iż-żmien, li in segwitu ħallashom. Kien hemm xi krediti li dak iż-żmien ma kienx jaf kienux eżiġibbli jew le, u li, għalkemm ma sarx ftehim min kellu jdaħħalhom, kieku daħlu, l-istess krediti kellhom imorru għab-benefiċċju tad-dar, jew aħjar tal-familja;

Meta tah il-forn, ma saret ebda skrittura bejnu u ibnu Carmelo. Huwa jaf illi ibnu Carmelo kien ġieb flus mill-Amerika. Fit-testment "unica charta" tat-23 ta' Frar 1929, fl-atti tan-Nutar Angelo Cachia, il-konvenut Giuseppe Spiteri u martu Rosaria ddikjaraw, fost ħwejjeġ oħra, illi dik l-industrija tal-forn, bil-makkinarju u ordenji oħra inservjenti għaliha, kienu jappartjenu esklużivament lill-binhom, l-imsemmi konvenut Carmelo Spiteri, għalkemm fiż-żmien meta dan il-konvenut kien ġie lura Malta minn barra dak il-forn kien għadu jinsab b'kera għandhom, u l-industrija relattiva kienet qegħdha tiġi eżerċitata minnhom; u dan għaliex allura dik l-industrija kienet oberata bi djun fl-ammont ta' xi £150, liema djun ħallashom kollha l-imsemmi binhom bi flusu, li kien akkwistahom b'xogħolu fl-esteru, u hekk, b'volontà u akkwijexxenza tagħhom, huwa assuma l-proprjetà u d-direzzjoni tal-forn, u in segwitu akkwista wkoll il-lokal, il-makkinarju, u l-aċċessorji l-oħra annessi għal dik l-industrija;

Illi ma hemmx dubju li l-azjenda tal-forn kienet tifforma parti mill-akkwisti konjugali ta' Giuseppe u Rosaria miżżewġin Spiteri. L-atturi jippretendu illi fil-kors taż-żwieġ l-istess konjuġi kienu marru lura f'dik l-azjenda, u għalhekk ċedewha lill-binhom Carmelo wara li dan ġie lura mill-Amerika, li assumilha bid-drittijiet relattivi u bid-djun kollha, li huwa in segwitu ħallas; imma, billi fl-okkażjoni ta' dik iċ-ċessjoni ma kienet saret ebda skrittura, u lanqas

wara, l-istess ċessjoni ma għandha ebda effett. Kontra din il-pretensjoni l-konvenut Carmelo Spiteri jallega, fl-ewwel lok, illi dik l-operazzjoni kienet ta' "datio in solutum", billi Giuseppe Spiteri ma għamilx ħaġ'oħra ħlief wella kollox, l-azjenda tal-forn, lilu biex jikkompensah u jħallsu tal-£100 u tad-dejn li huwa aċċetta li jħallas, u li fil-fatt ħallas; u billi ebda forma ma hi rikjesta mill-liġi għall-eżistenza tad-"datio in solutum", il-konvenuti Giuseppe Spiteri ma' martu u Carmelo Spiteri ma kienux tenuti jagħmlu xi kitba għall-validità ta' dik l-operazzjoni;

Illi, mingħajr ma wieħed jidħol fid-diversi kwistjonijiet sottomessi mill-atturi u mill-konvenut Carmelo Spiteri fir-rispettivi noti ta' osservazzjonijiet elaboratissimi tagħhom, rigward jekk iċ-ċessjoni hix differenti mid-"datio in solutum", kif jallega l-imsemmi konvenut, jew hix identika u ħaġa waħda għall-bejgħ, u għalhekk għandha tkun regolata mill-istess liġijiet, kompriża l-forma, kif jippretendu l-atturi, jingħad mill-ewwel illi l-operazzjoni msemmija ma kienetx ta' "datio in solutum". Kif jgħallem il-Pothier: — "La dazione in pagamento è un atto col quale un debitore dà una cosa al suo creditore, che vuole ugualmente riceverla, in luogo ed in pagamento di una somma di denaro ovvero di altra cosa che gli è dovuta" (Opere, T.I. para. 601);

Minn din id-definizzjoni, u anki minn dak li l-imsemmi awtur ifisser dwar x'inhija d-differenza bejn il-"vendita" u d-"datio in solutum", għalkemm hemm somiljanza kbira bejniethom, għaliex "dare in solutum est quasi vendere" (Cod. De. evict.), jidher evidenti illi d-"datio in solutum" tista' isseħħ biss bejn id-debitur u l-kreditur tiegħu. Hekk ukoll jista' jingħad, għalkemm biss b'analoġija, illi, biex id-"datio in solutum" tagħti lok għall-irkupru, hemm bżonn li tkun saret bi ħlas ta' obbligazzjoni "li kienet teżisti qabel" (Vol. XXIX-II-1073). Issa, meta saret dik l-operazzjoni, il-konvenut Giuseppe Spiteri ma rriżultax li kien debitur ta' ibnu l-konvenut Carmelo Spiteri, u żgur ma kienx hekk debitur fis-somma ta' flus imsemmija mill-istess konvenut Carmelo Spiteri; u lil dan, missieru u

ommu ma tawħx il-forn għaliex kienu debituri lejħ f'dik is-somma. Tabilħaqq, fix-xhieda tiegħu, mogħtija quddiem l-Imħallef Supplenti, kif jidher, fl-ewwel ta' Ġunju 1950, il-konvenut Giuseppe Spiteri qal illi huwa ma jafx għal liema skop ibnu Carmelo kien ħallielu l-£100 qabel ma mar l-Amerika; huwa ma kienx isemmihomlu meta kien jiktiblu; u meta ibnu ġie lura Malta, tahomlu kollha (fol. 158 tergo 159). Qal ukoll illi t-£300 li ibnu Carmelo kien bgħatlu meta kien l-Amerika, kien tahomlu kollha sħaħ lura lill-imsemmi ibnu, flimkien ma' dawk il-£100, meta dan kien ġie lura Malta, u li dawk il-flus huwa kien żammhom id-dar (fol. 158 tergo);

U fix-xhieda tiegħu ġa msemmija quddiem il-perit legali, il-konvenut Giuseppe Spiteri ma qalx illi l-forn taħ lill-ibnu biex iħallsu jew ipattilu ta' xi flus li kien taħ, imma sempliċement għaliex l-istess Carmelo kien l-akbar wieħed fost uliedu (fol. 21);

Illi, għalhekk, il-konvenut Carmelo Spiteri dik l-azjenda tal-forn ħadha minn għand il-ġenituri tiegħu b'ċessjoni, u huwa assumiha bid-drittijiet u d-djun kollha li kien hemm fuqha. Dan jidher ċar mill-espressjoni li l-konvenut Giuseppe Spiteri ripetutament uża fix-xhieda tiegħu, jiġifieri illi huwa "ċeda", jew illi huwa u martu "ċedew", dik l-azjenda lill-imsemmi binhom;

Issa, ladarba dik iċ-ċessjoni saret bla ebda skrittura, l-istess hi nulla u bla effett. Tabilħaqq, id-dispożizzjoni tal-art. 1551 tal-Kodiċi Ċivili tirrikjedi l-"att" għall-perfezzjoni taċ-ċessjoni ta' drittijiet, bħal ma fil-każ taħt konsiderazzjoni; u d-dispożizzjoni tal-art. 1552 (1) tal-istess Kodiċi teżiġi illi dak l-att ikun bil-miktub, għaliex altrimenti ma jiswiex. Ġie deċiż illi ċ-ċessjoni tal-avvjament ta' ħanut trid issir bil-kitba, għalkemm hi biżżejjed skrittura privata (Vol. XXXI-I-635), u fin-nuqqas tal-kitba, iċ-ċessjoni hi nulla (Vol. XXXI-III-222; Vol.XXXII-II-21); billi dik il-kitba hi meħtieġa mhux "ad probationem tantum", iżda "ad solemnitatem" (Vol. XXXII-I-620);

Illi l-konvenut Carmelo Spiteri hawn jobbjetta, billi jirrileva illi bid-dikjarazzjoni li l-ġenituri tiegħu għamlu

fl-imsemmi testment, jiġifieri li l-azjenda tal-forn hi proprjetà esklużiva tiegħu, huma ddisponew mill-istess azjenda favur tiegħu b'titolu ta' legat, bil-konsegwenza li hu akkwista l-proprjetà tagħha, jekk mhux b'titolu ieħor, almenu bl-"actio ex testamento"; u b'sostenn ta' din issottomissjoni huwa jiċċita l-awtorità tad-Digesto Italiano (Success. Vol. II, para. 617-618), fejn jingħad, fost ħwejjeġ oħra, illi "le ricognizioni di debito si pareggiano ai legati; ma per altra parte, quando non si tratta di casi sospetti, è pur innegabile che l'avere il testatore fatta una ricognizione di debito, anzichè adoperare l'ordinaria formola di legato, rende verosimile la sussistenza del debito, e che quindi la ricognizione stessa può costituire un principio di prova per iscritto del debito". Imma, kif tajjeb josservaw l-atturi, hu tajjeb, biex jiġu aħjar interpretati t-teoriji riportati f'din l-opera f'dan ir-rigward, illi jiġu ndikati l-prinċipji, fil-qosor, li jirregolaw din il-materja kif żvolti mill-Pacifici Mazzoni (Success. Vol. X, para. 198-201).

Dan l-awtur, waqt li jiddikjara illi "le confessioni di debito" magħmula fit-testment huma "prossime ai legati di debito", jipproċedi b'distinzjoni doppja, meta jiġi biex jistabbilixxi l-effetti ta' dawn il-konfessjonijiet; jiġifieri jew meta l-istess isiru għaliex it-testatur ikun realment jirrikonoxxi debitu tiegħu, u mhux affatto biex jagħmel liberalità, jew meta jkun irid iħalli b'legat dak li huwa falsament iddikjara li għandu jagħti. Fl-ewwel każ, il-kreditur jista' jeżiġi d-debitu, jekk jipprova li jeżisti, imma ma jista' qatt jippretendi l-kontenut tiegħu bħala legat; fit-tieni każ, id-dikjarazzjoni tat-testatur tikkostitwixxi legat, tant jekk id-debitu jeżisti kemm jekk ma jeżistix, u l-eredi mhux ammess jipprova illi d-dejn ma jeżistix, salv il-każ meta d-debitu hu insussistenti u t-testatur ħallieh fl-erronea opinjoni li huwa realment debitur, u din l-opinjoni hi l-unika kawża li ddeterminatu jħalli l-legat; u f'dan il-każ, il-legat ta' debitu insussistenti huwa null, u l-eredi konvenut għall-prestazzjoni tal-legat jista' jirrespinġi t-talba billi jipprova l-iżball tat-testatur fuq l-eżistenza tad-

debitu — prinċipji dawn li jinsabu milqugħa mill-liġi tagħna fid-dispożizzjonijet tal-art. 722 u 741, kombinati flimkien, tal-Kodiċi Ċivili, u applikati fil-ġurisprudenza (Vol. VI, 135; XI, 585; XVI-II-59);

Fil-każ taħt konsiderazzjoni, jittratta mill-ewwel każ, jiġifieri t-testaturi miżżewġin Spiteri riedu realment jirrikonoxxu lit-tifel tagħhom Carmelo l-esklużiva proprjetà tal-azjenda tal-forn, imma mhux jiddisponu favur tiegħu mill-istess forn u jadoperaw liberalità favur tiegħu; u għalhekk l-istess konvenut jista' biss jeżiġi d-debitu, jekk jipprova li jeżisti, imma ma jistax jippretendi l-kontenut tiegħu bħala legat. Din il-volontà tat-testaturi miżżewġin Spiteri, kif tajjeb jirrilevaw l-atturi, tirriżulta: —

1. Mill-fatt li t-testment imsemmi hu diviż f'żewġ partijiet, waħda kontenenti dikjarazzjonijiet rigward is-sustanzi ta' binhom Carmelo, u l-oħra kontenenti dispożizzjonijiet rigwardanti s-suċċessjoni tagħhom; b'mod li huma ddistingwew il-beni ta' binhom Carmelo minn dawk eventwali tagħhom, u konsegwentement, meta għamlu dik id-dikjarazzjoni, huma ma kienux qegħdin jiddisponu minn dik l-azjenda, ladarba dak iż-żmien huma kienu jirritjenu li ma kienetx tagħhom, anzi lanqas kellhom xi sustanzi tagħhom, u b'dik id-dikjarazzjoni t-testaturi riedu sempliċement jeskludu mis-suċċessjoni tagħhom is-sustanzi ta' binhom Carmelo;

2. Mill-fatt li l-forma adoperata mit-testaturi mhix dik ta' dispożizzjoni testamentarja, imma dik ta' mera dikjarazzjoni, jew konstatazzjoni, ta' dritt li huma kienu jirritjenu li taw jew ċedew lill-binhom Carmelo fuq dik l-azjenda;

3. Mill-fatt li t-testaturi spjegaw il-motiv ta' dik id-dikjarazzjoni, jiġifieri li huma ma kienux qegħdin iħallu dik l-azjenda lill-binhom bi spiritu ta' liberalità, jew bħala legat, imma dak li kienu għamlu ġew indotti jagħmluh "per debito di giustizia". Il-konvenut Carmelo Spiteri jista' talvolta jobbjetta li ċ-ċirkustanzi li semmew it-testaturi bħala moventi tad-dikjarazzjoni tagħhom huma palljativi, jew dimostrazzjoni falza, li ma jippreġudikawx il-legat.

Imma f'dan ir-rigward jista' jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "Dimech vs. Spiteri", deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-12 ta' Diċembru 1939, it-testaturi kienu xehdu t-tnejn, u kkonfermaw bil-ġurament l-eżattezza tad-dikjarazzjoni msemmija, kontenuta fit-tieni artikolu tat-testment tagħhom fuq imsemmi, bħala korrispondenti għall-verità (vide depoż, f'dik il-kawża ta' Ġużè Spiteri fol. 34 tergo, u ta' Rosaria Spiteri fol. 35 tergo). U, kif tajjeb jirrilevaw l-atturi, ma kienx hemm bżonn li t-testaturi jirrikorru għall-palljativi, għaliex mill- provi, tant f'din kemm fl-oħra issa msemmija, jirriżulta illi t-testaturi kienu konvinti li l-azjenda kienet ta' binhom, billi huma kienu ċedewhielu, u in segwitu għal dik iċ-ċessjoni huwa beda jħallas id-dejn li kellhom, jaħdem akkont tiegħu, iżomm il-profitti għalieh, u jħallas lill-ġenituri tiegħu u lil ħutu li saru impjegati tiegħu, u li huwa beda wkoll jimantni. Il-konvenut Carmelo Spiteri kellu l-istess konvinzjoni in segwitu għall-imsemmija ċessjoni li l-ġenituri tiegħu kienu għamlulu. F'dik il-kawża huwa stess ipproduċa t-testment fuq imsemmi, biex bih jipprova, mhux it-titolu tiegħu fuq l-azjenda tal-forn "ex testamento", evidentement għaliex il-ġenituri tiegħu kienu għadhom ħajjin, imma biex jipprova per mezz tad-depożizzjoni tagħhom, meta kkonfermaw l-eżattezza ta' dik id-dikjarazzjoni, il-fatt taċ-ċessjoni msemmi fit-testment;

4. Mill-fatt li fl-intenzjoni tat-testaturi, minħabba dik iċ-ċessjoni, l-azjenda kienet ħarġet materjalment mill-patrimonju u pussess tagħhom minn qabel ma sar it-testment, u daħlet fill-pussess ta' binhom Carmelo; u konsegwentement huma qatt ma setgħu jħallulu b'legat dik l-azjenda, li huma kienu jirritjenu li ma kienetx għadha tagħhom, u li anzi kienet ta' pertinenza esklużiva tal-istess binhom;

Illi l-konvenut Carmelo Spiteri jissottometti illi l-atturi ma jistgħux jopponu l-fatt li l-imsemmija ċessjoni tal-azjenda ma saretx bil-kitba, (a) għaliex huma, f'isimhom proprju, irrikonoxxewh f'atti pubbliċi bħala uniku u esklużiv proprjetarju tal-forn, (b) għaliex huma, bħala werrieta

ta' Rosaria Spiteri, ommhom, ma għandhomx drittijiet akbar minn tagħha, u jekk hija b'għemilha waqqgħet u ddistruġġjet l-eċċezzjoni li huma qegħedin jagħtu, billi rrikonoxxiet din iċ-ċessjoni fit-testment tagħha, huma ma jistgħux imorru kontra l-fatt tagħha, għaliex dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja għal kwalunkwe azzjoni ta' nullità tat-trasferiment fuq imsemmi, u (ċ) għaliex, fi kwalunkwe każ, l-atturi b'dak ir-rikonoxximent f'dawk l-atti, u ommhom fit-testment tagħha, ma għamlux ħaġ'oħra, fil-każ, ħlief irrinunzjaw għad-dritt li seta' jkollhom biex jimpunjaw iċ-ċessjoni tal-forn;

Imma anki hawn jiġi osservat illi, bl-imsemmi rikonoxximent, l-atturi ma rrinunzjawx għall-eċċezzjoni ta' l-ineżistenza taċ-ċessjoni mħabba fin-nuqqas ta' skrittura li bħala eredi ta' ommhom qegħdin jissollevaw f'din il-kawża, imma biss talvolta għal dik li huma ppretendew li kienet tikkompeti lilhom biex jirrivendikaw il-kwota rispettiva ta' l-azjenda tal-forn, billi huma, f'tul il-ħajja ta' ommhom, kienu ppretendew illi l-forn kien jappartjeni individwalment anki lilhom. Imbagħad, dak ir-rikonoxximent sar, fil-każ, qabel l-apertura tas-suċċessjoni ta' omm l-atturi, u għalhekk dawn ma setgħux jirrinunzjaw għad-drittijiet pertinenti għall-eredità tagħha (art. 912, 1027 (2), 1423 Kod. Ċiv.). Fl-aħħarnett, ebda effikaċja ma jista' jkollu rikonoxximent ta' att li hu null minħabba nuqqas ta' element sostanzjali għall-eżistenza tiegħu, u li għalhekk qatt ma eżista; u hu ovvju li ma tistax issir rinunzja għal dritt li qatt ma eżista. L-att null mhuwiex sanabbli (Baudry, Obbl. Vol. III, para. 1984; Laurent, Diritto Civile, Vol. XVIII, para. 564; Giorgi, Obbl., Vol. VIII, para. 187; Vol. XXI-II-352);

In kwantu għar-rikonoxximent, għar-rinunzja u għar-ratifika li ssemmew mill-kontendenti b'mod wisq diffuż u elaborat fin-noti tagħhom, ma jidhirx li hemm bżonn li wieħed jittrattjeni fit-tifsir tad-differenzi bejn terminu u ieħor, u ta' l-effetti li kull wieħed minnhom iġib jew ikollu skond iċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ. Jingħad biss illi la darba, kif intqal iżjed 'il fuq, iċ-ċessjoni magħ-

mula mill-konjuġi Spiteri favur binhom Carmelo hi nulla minħabba li saret mingħajr skrittura, u dik l-iskrittura l-liġi tirrikjediha mhux "ad probationem tantum", imma "ad solemnitatem", l-istess ċessjoni ma setgħet qatt tiġi konfermata u lanqas ratifikata, għaliex f'dawk il-każi fejn il-liġi timponi l-obbligu tal-kitba, b'att pubbliku jew skrittura privata, f'att mhux "ad probationem tantum" imma "ad solemnitatem", in-nuqqas tal-kitba jipproduċi n-nullità assoluta tan-negozju ġuridiku li għalih dik is-solennità hi meħtieġa, u l-obligazzjoni li hi nulla minħabba din il-kawża ma tistax tiġi la konfermata u lanqas ratifikata (Vol. XXVIII-I-411);

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Carmelo Spiteri, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-8 ta' Frar 1956, tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn iddikjarat illi l-azjenda tal-forn ġiet nullament ċeduta mill-konjuġi Spiteri lil binhom, l-esponenti Carmelo Spiteri, u għalhekk baqgħet tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tagħhom, billi minflok jiġi dikjarat li l-appellant Carmelo Spiteri huwa l-uniku proprjetarju ta' l-imsemmija azjenda għall-motivi ndikati fil-petizzjoni; u billi tiġi wkoll revokata fejn akkollat lill-imsemmi Carmelo Spiteri l-ispejjeż mingħajr taxxa u d-dritt tar-Reġistru, u tiġi konfermata fejn akkollat lill-kontendenti l-oħra l-ispejjeż mingħajr taxxa; billi l-ispejjeż kollha ta' l-inċident jiġu akkollati lill-atturi, kompriżi dawk ta' din l-istanza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bil-provvediment mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 1956 (fol. 231) l-isem ta' l-attur Giovanni Spiteri ġie fil-petizzjoni miżjud ma' dak ta' l-atturi l-oħra; u għalhekk in-nullità opposta mill-appellat John Pace minħabba l-mankanza ta' dak l-isem tinsab superata;

Kwantu għan-nullità opposta mill-istess John Pace u mill-appellati Giovanni Spiteri u Giovanna Spiteri nomine,

fis-sens li n-nota tal-appell u l-petizzjoni huma nulli għaliex ma ġewx diretti kontra r-rappreżentant leġittimu tal-eredità tal-konvenut Giuseppe Spiteri, li miet fil-mori tal-ġudizzju, ma tidherx aċċettabbli. Infatti, b'digriet tad-9 ta' April 1954 (fol. 184) l-appellant ġie konfermat fir-rappreżentanza tal-eredità tal-imsemmi Giuseppe Spiteri, u b'nota preżentata fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fl-10 ta' Ottubru 1956 (fol. 289) l-istess appellant aċċetta l-eredità ta' missieru, l-imsemmi Giuseppe Spiteri. B'din l-aċċettazzjoni, billi d-deċujus u l-eredi tiegħu għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda, ma jistgħax jingħad li l-interess tal-eredità ta' Giuseppe Spiteri mhux rappreżentat f'dan l-appell; u l-pożizzjoni tal-appellanti relattivament għal dak l-interess, li jinsab preżenti fil-persuna tiegħu, ġiet konvalidata bis-saħħa tal-"jus superveniens", konsegwenti għal dik l-aċċettazzjoni fl-atti tas-Sekond'Awla;

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti u minn dawk li għalihom saret riferenza, irriżulta li l-ażjenda tal-forn in kwistjoni ġiet, madwar is-sena 1921, jiġifieri iżjed minn 25 sena qabel ma ġiet inizjata din il-kawża, ċeduta mill-imsemmi Giuseppe Spiteri lill-ibnu Carmelo Spiteri, l-appellant. Billi dik iċ-ċessjoni ma saretx bil-miktub, kif rikjest mill-art. 1552 (1) tal-Kodiċi Ċivili, l-atturi appellati, werrieta ta' Rosaria mart l-imsemmi Giuseppe Spiteri, opponew in-nullità ta' dik iċ-ċessjoni; u bis-sentenza appellata ġiet milqugħa dik l-eċċezzjoni. Kontra dik l-eċċezzjoni tan-nullità l-appellant f'din l-istanza ġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, prevista mill-art. 1268 tal-Kodiċi Ċivili;

Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija miġjuba taħt it-Titolu tar-Rexissjoni tal-Kuntratti, u fiha tinsab riferenza għażżewġ dispożizzjonijiet ta' qabilha, jiġifieri dawk tal-artikoli 1266 u 1267. L-ewwel wieħed (1266) jistabbilixxi li meta l-liġi f'xi każ partikulari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexissjoni mħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn, li tappli-

ka wkoll għar-rexissjoni ta' obligazzjonijiet mingħajr kawża jew magħmulin fuq kawża falza. L-art. 1267 jirregola minn meta għandu jibda jiddekorri ż-żmien tal-preskrizzjoni fid-diversi każi prospettati fl-artikolu ta' qabel. U l-art. 1268 jgħid testwalment hekk:— "F'kull każ ieħor mhux imsemmi fiż-żewġ artikoli ta' qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexissjoni ta' obligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni għeluq ħames snin minn dak inhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi";

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi appellati ssottomettew li huma ressqu l-eċċezzjoni tan-nullità in bażi għad-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1270 tal-Kodiċi ċitat, u dik l-eċċezzjoni mhix suġġetta għall-preskrizzjoni stabbilita fl-art 1268 tal-istess Kodiċi. Issottomettew ukoll li, fi kwalunkwe każ, din l-aħħar imsemmija preskrizzjoni mhix applikabbli fil-każ in eżami għaliex iċ-ċessjoni in kwistjoni hija radikalment nulla u għalhekk ineżistenti;

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 1007, miġjub l-ewwel wieħed fil-Kodiċi taħt it-Titolu "Of the Conditions Essential to the Validity of Contracts", jistabbilixxi li r-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:— (a) li l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw; (b) il-kunsens ta' dak li jobliga ruħu; (ċ) ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt; u (d) kawża leċita biex wieħed jobliga ruħu;

Huwa indubitat li kuntratt li jkun jonqsu wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali għandu jitqies bħala radikalment null; iżda, għalkemm ikun hekk, il-liġi fl-imsemmi art. 1266 tipprospetta l-azzjoni tar-rexissjoni f'każi ta' nuqqas ta' dawk ir-rekwiżiti essenzjali; u dan għalkemm il-persuni hemm nominati ġew espressament dikjarati "inkapaċi li jikkuntrattaw" (art. 1008), il-kunsens minħabba żball, vjolenza jew qerq "mhux validu" (art. 1017), u l-obligazzjonijiet mingħajr kawża jew magħmulin fuq kawża falza "ma għandhom ebda effett" (art. 1030);

Fil-każ in eżami, iċ-ċessjoni mhix qegħdha tiġi mpunjata *għaliex jonqos fiha xi wieħed mir-rekwiżiti essenzjali* tuq indikati, iżda unikament għaliex ma saretx bil-miktub, mentri l-art 1552 (1) jistabbilixxi li ċ-ċessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub. Huwa utili li jiġi rilevat li l-imsemmija ċessjoni, għalkemm vizzjata b'dak id-difett ta' forma, ħadet u żammet l-effikaċja tagħha mis-sena 1921, meta saret, u l-impunjazzjoni tagħha avverat ruħha biss fil-kors ta' din il-kawża, li ġiet promossa fil-11 ta' Marzu 1947;

*Ikkunsidrat;*

Illi, wara li fl-imsemmi art. 1266 il-liġi stabbiliet il-preskrizzjoni ta' sentejn għall-azzjoni ta' rexissjoni ta' kuntratti minħabba nuqqas ta' xi wieħed mir-rekwiżiti essenzjali, kif fuq imfisser, għaddiet biex bl-art. 1268 applikat il-preskrizzjoni ta' ħames snin relattivament għall-azzjoni ta' rexissjoni fil-każi l-oħra kollha mhux imsemmijin fiż-żewġ artikoli ta' qabel. Din id-dispożizzjoni għandha tiġi kombinata ma' dik tal-art. 1255, li jgħid li "l-ftehim li *fih tkun nieqsa* xi *waħda* mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexissjoni għalkemm ma tiġix pruvata ebda leżjoni";

Di fronti għal dispożizzjoni hekk ċara huwa ta' evidenza palmari li ċ-ċessjoni in kwistjoni hija suġġetta għar-rexissjoni; u billi dan il-każ huwa previst fl-art. 1266, jaqa' taħt l-art. 1268; u l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' ħames snin. L-istess interpretazzjoni, bħal dik superjorment enunċjata, dwar l-imsemmijin artikoli 1266 u 1268, ġiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru 1898 in re "Grech et vs Zammit" (Kollez. Vol. XVI-II-332), fejn jingħad li dawk id-dispożizzjonijiet "riguardano l'azione di nullità e di rescissione tendente ad annullare un contratto mancante di qualcuna delle condizioni necessarie alla sua esistenza, od infetto da qualche vizio che lo invalidi, o lesivo ad uno dei contraenti, nei casi in cui è permessa la rescissione per causa di lesione". Interpretazzjoni simili tirriżulta minn sentenzi oħra ta'

dawn il-Qrati (Vol. XV, p.41; u Vol. XXXI-I-37, fejn si trattava ta' donazzjonijiet dikjarati mill-liġi espressament nulli jew ineffikaċi (art. 1847 (l) u 1838 (f) Kodiċi ċitat);

Stabbilit li għall-każ in eżami hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' ħames snin prevista mill-imsemmi art. 1268, jidher li dik il-preskrizzjoni kienet ilha żmien kompjuta meta ġiet inoltrata l-preżenti istanza; u dan anki kieku kellu jiġi ritenut li kellha tibda tiddekorri mill-mewt ta' Rosaria Spiteri, li ġrat fil-25 ta' Novembru 1939 (fol. 4), billi ma jirriżultax li fil-kors tagħha qatt ġiet b'xi mod interrotta;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi appellati qegħdin jinvokaw favur tagħhom, u kontra l-preskrizzjoni eċċepita mill-appellant, il-massima sanċita mill-art. 1270 li "quae temporalia ad agendum perpetua sunt ad excipiendum". Iżda din il-massima għandha tiftiehem u tirċievi l-applikazzjoni tagħha fis-sens imfisser mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-28 ta' Frar 1884 in re "Grima vs Von Kohen" (Vol X, paġ. 383); jiġifieri li "non è applicabile a quelle eccezioni che si possono pur proporre da parte del debitore in linea di azione, e quando il diritto di eccepire è basato principalmente sopra il diritto di agire, e non sopra qualche altra ragione di equità. Se l'azione fosse proponibile entro un tempo limitato, l'opposizione, spirato il termine prescritto dalla legge, non potrebbe essere esaudita in via di eccezione";

Fil-każ in eżami, lill-atturi appellati kienet tikkompeti l-azzjoni tar-rexissjoni skond l-imsemmi art. 1268; dik l-azzjoni ma ġietx minnhom eżerċitata fiż-żmien stabbilit mill-liġi għall-preskrizzjoni tagħha; u billi dak iż-żmien ilu li għadda, huma ma jistgħux jinvokaw favur tagħhom il-massima sanċita mill-imsemmi art. 1270. Konsegwentement, l-imsemmija massima invokata mill-atturi appellati ma ssibx f'dan il-każ l-applikazzjoni tagħha;

Ikkunsidrat, fuq l-appell inċidentali tal-konvenuta Carmela Vassallo nomine;

Illi, kif jidher mid-dokument eżibit fil-fol. 26, Elena Pace, rapprezentata mill-imsemmija appellanti, hija biss leġittimarja ta' ommha; u għalhekk il-pretensjoni tagħha li ma għandhiex tbati ebda parti mill-ispejjeż hija fondata (Vol. XXIV-I-445);

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt li l-appellant Carmelo Spiteri ġieb il-quddiem l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'din l-istanza għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni fir-regolament tal-kap tal-ispejjeż;

*Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi;*

Tiddeċidi;

1. Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell, opposta mill-appellati Giovanna Spiteri nomine. John Pace u Giovanni Spiteri; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

2. Billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant kontra *l-eċċezzjoni tal-atturi appellati* relattiva għan-nullità taċ-ċessjoni tal-azjenda tal-forn magħmula favur l-istess appellant mill-ġenituri tiegħu; u għalhekk tiddikjara li dik l-azjenda hija ta' spettanza eskluživa tal-imsemmi appellant, u ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tiegħu, u konsegwentement ma *tidħolx fil-qasma mas-sustanzi l-oħra li jidħlu f'dik il*-komunjoni. U fis-sens fuq imsemmi tilqa' l-appell prinċipali tal-appellant Carmelo Spiteri; u tordna li l-ispejjeż kollha tal-ewwel istanza relattivi għall-inċident jitħallsu mill-atturi appellati, u dawk ta' din l-istanza jibqgħu mingħajr taxxa; iżda l-ispejjeż tal-konvenuta Carmela Vassallo *nomine għandhom jitħallsu* mill-kontendenti l-oħra kollha f'porzjonijiet indaqs bejniethom;

3. Tiddikjara li ma hemmx lok għad-deċiżjoni fuq l-appell inċidentali tal-konvenuta Carmela Vassallo nomine, billi l-ispejjeż li hija ġiet kundannata tħallas bis-sentenza appellata ġew riversati fuq l-atturi appellati, skond il-paragrafu preċedenti ta' din is-sentenza; bl-ispejjeż kontra l-kontendenti l-oħra f'porzjonijiet indaqs.

---